MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1523/2003

**Eden Entertainment Limited**

**vs**

**Duncan Fenech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Lulju, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u hdax il-lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm711.31) rappresentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar rezi lill-konvenut mis-socjeta' attrici fuq l-istazzjon Bay Radio. Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru 2001, ubl-imghax legali mit-30 ta' Gunju 2001. data tal-ahhar fattura, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejnj hija rriduciet it-talba taghha ghal hames mija u sitta u disghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm596.51).

Sema' x-xhieda ta’ Joe Tabone in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba kif ridottau jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hames mija u sitta u disghin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm596.51), .bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Novembru 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------